# 19 ta' Marzu – 500 Sena f'Malta

**Kitba ta' Adrian Zahra**

L-imħabba ħerqana u l-qima tagħna lejn San Ġużepp wasslet li proprju nhar is-16 ta' Ġunju 1508 l-istat u l-Kapitlu tal-Katidral waqqfu uffiċjalment bil-miktub il-jum tant għażiż tad-19 ta' Marzu bħala Festa Pubblika u Kmandata, f'ġieħ San Ġużepp.

Ftit sekli biss wara l-istorja tal-Knisja li fin-naħa tal-Lvant beda l-kult lejn San Ġużepp, u nsibu li l-festa kienet tkun iċċelebrata lil San Ġużepp fl-20 ta' Lulju. Tmien sekli wara Kristu, insibu li fil-Punent il-festa ad unur San Ġużepp insibuha f'Kalendarju ta' manuskritt tas-seklu tmienja li nstab fl-Abbazija Benedittina ta' Rheinau fl-Iżvizzera fejn kienu jiċċelebrawh fl-20 ta' Marzu.

Intant fl-Ingilterra, fl-Abbazija Benedittina ta' Winchester fis-sena 1030 ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu. Mill-1500 'l quddiem dan il-jum, insibuh mniżżel f'numru ta' kotba liturġiċi ta' diversi bliet Ewropej u jindika li din il-festa f'dan il-jum kienet tkun iffesteġġjata. Sal-1525 insibuha li kienet tiġi ċċelebrata fi tletin lokalità oħra, u sa erbgħin sena wara nsibuha mifruxa ma' sebgħin belt tal-Ewropa.

Kien il-Kardinal Francis Jean Gerson (1363–1429) li qajjem u xerred id-dħul ta' din il-Festa ta' San Ġużepp. Kien Kanċillier tal-Università ta' Pariġi magħruf għad-devozzjoni kbira u rikka tiegħu lejn il-Kbir Glorjuż Patrijarka San Ġużepp.

## F'Malta

Huwa fatt magħruf li f'dak iż-żmien insibu li f'pajjiżna kien hawn diġà mwaqqfa l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, sa mill-bidu tat-twaqqif tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fir-Rabat tal-Imdina. Ta' min isemmi wkoll li l-Patrijiet Franġiskani Minuri waqqfu l-festa tad-19 ta' Marzu għall-ordni tagħhom f'Kapitlu Ġenerali li sar f'Assisi fis-sena 1399. F'Malta fl-1500 nsibuha tiffunzjona sew din il-knisja, kif ukoll id-devozzjoni lejn San Ġużepp.

Kienu dawn il-fatti kollha li wasslu biex f'Malta nhar is-16 ta' Ġunju 1508 jiddikjara bil-miktub fil-Katidral tal-Imdina biex nhar San Ġużepp jibda jkun id-19 ta' Marzu, tibda tiġi ċċelebrata 'b'solennità għal dejjem u għaż-żminijiet kollha' u dan sar bi ftehim bejn iż-żewġ partijiet, l-istat u l-kapitlu.

Minn dak iż-żmien sal-lum il-Festa ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu tiġi ċċelebrata bil-kbir, manifestata ta' kull sena meta fil-jum tad-19 ta' Marzu, il-Kapitlu Metropolitan flimkien mal-Wisq Antika Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u l-Patrijiet Franġiskani Minuri bid-daqq ta' ferħ tal-qniepen, l-isparar tal-murtali u milqugħ mill-marċi u innijiet mill-Banda Dekana u Ċittadina L'Isle Adam. Hekk f'dak it-tempju mżejjen għall-okkażjoni b'dik ix-xbieha tant sabiħa f'nofs it-tempju, tiġi kkonċelebrata Quddiesa Solenni, mill-Kapitlu fejn fiha jsir il-paniġierku lil San Ġużepp. Wara l-quddiesa, il-Fratelli Ġużeppini kienu jerġgħu jwasslu lill-Kapitlu lura lejn il-Katidral, iżda din id-drawwa inqatgħet maż-żminijiet.

Il-Kaptan tal-Virga, fl-antik kien joffri torċa rikka u ddekorata bl-istemma nazzjonali, bħala sinjal ta' qima tal-Poplu Malti lejn San Ġużepp. Illum il-



L-Artal tal-Patroċinju ta' San Ġużepp li jinsab fil-Knisja ta' Ġieżu r-Rabat tal-Imdina.

ġurnata, is-Sindki tar-Rabat, l-Imdina u l-Imtarfa joffru x-xemgħa simbolika lil San Ġużepp bħala qima u devozzjoni ta' dawn it-tliet lokalitajiet lejn San Ġużepp. Wara nofsinhar, dan il-Jum ikompli bid-daqq tal-Marċijiet mat-toroq Rabtin mill-Banda Dekana L'Isle Adam. Filgħaxija l-Ġużeppini Maltin kollha jinġabru quddiem il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù biex jilqgħu b'ferħ kbir l-istatwa tant sabiħa u devota tal-Kbir Glorjuż Patrijarka San Ġużepp li toħroġ u ddur mat-toroq Prinċipali tal-imsemmija lokalità. Hekk jixraqlu l-Patrun tal-Knisja Universali San Ġużepp.

Ir-Rabtin flimkien mal-poplu Malti ma kinux kuntenti billi għamlu ħafna knejjes, statwi u xbihat ta' dan il-qaddis iżda riedu xi ħaġa oħra biex tkun iċ-ċentru tad-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Malta u din kienet l-Inkurunazzjoni Solenni ta' San Ġużepp li saret fuq il-Fosos tal-Floriana fl-1963, hawn ħadu sehem il-baned kollha Ġużeppini ta' Malta. Min jaf il-ferħ li ħass il-Poplu Malti hekk f'Manifestazzjoni Nazzjonali bix-xbieha u l-imħabba tagħhom lejn il-kobor ta' San Ġużepp. Tant hija kbira l-imħabba tagħna l-Maltin lejn San Ġużepp li Malta kienet qabel il-Vatikan li ddikjarat dan il-Jum tad-19 ta' Marzu bħala Festa Pubblika u Kmandata.

Hawn fir-raħal żgħir u sabiħ ta' Ħal Kirkop, ferm ixxurtjati li qegħdin tfakkru l-Anniversarju tal-125 sena, minn meta l-Isbaħ Opra tal-Koppin waslet fostkom. Opra li tirrappreżenta s-sbuħija ta' San Ġużepp, iżda l-kobor u s-sbuħija ta' din ix-xbieha nagħmluha aħna jekk inkunu nixbhu lil dan il-Qaddis. Bis-silenzju tiegħu Rebaħ fuq il-Qaddisin Kollha u llum jinsab isaltan bħala s-Sultan tal-Qaddisin. Forsi d-devozzjoni lejn San Ġużepp f'dan ir-raħal daħlet wara l-1509, imma ninsab ċert li meta daħlet fost il-Koppin, daħlet b'qawwa kbira u dan il-fatt jixhduh ix-xbieha u l-Festa li l-poplu ta' Ħal Kirkop jagħmel kull sena fl-imsemmi raħal.

Hemm mela nagħtu ħarsa lejn dawn il-kelmiet, aħna li aħna Ġużeppini għandna għaliex nagħtu ġieħ lil Alla permezz tal-Kbir Glorjuż Patrijarka San Ġużepp. Koppin ħudu ħsieb li dan il-Ġojjel ta' Devozzjoni u Statwa Meraviljuża li għandkom ta' San Ġużepp tkomplu tkattruh u xxerduh. Aħna r-Rabtin bilfors f'nhar id-19 ta' Marzu nkantaw: *Int ir-Rabat u l-Imdina, Int l-art kollha tal-Maltin, Ħares dejjem minn kull deni, O Sultan tal-Qaddisin*, għaliex il-poplu Malti kollu ħabbu lil San Ġużepp u hekk Ġużeppi jħobb lilna li aħna lkoll tiegħu.

Viva San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali.

Referenza

Is-Santwarju ta' San Ġużepp Nru 96
Lehen il-Komunità Ġużeppina tar-Rabat, Festa 2008.

